Kunsill Reġjonali Għawdex

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Għawdex Nru 124/2023

## Il-Ħamis 23 ta' Novembru, 2023

**Il-Kunsill Reġjonali Għawdex iltaqa' ġewwa s-Sala Saverio Cassar fl-uffiċċju tal-Kunsill Reġjonali. Il-laqgħa bdiet fis-6:30pm.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Dr Samuel Azzopardi | President |
| Is-Sur Josef Schembri | Kunsill Lokali tar-Rabat, *Città Victoria* |
| Is-Sur Mario Azzopardi | Kunsill Lokali Kerċem |
| Is-Sur Saviour Borg | Kunsill Lokali tal-Fontana |
| Is-Sur Eucharist Camilleri | Kunsill Lokali n-Nadur |
| Is-Sur Kevin Cauchi | Kunsill Lokali Għajnsielem |
| Is-Sur Damien Spiteri | Kunsill Lokali tal-Munxar |
| Is-Sur Paul Buttigieg | Kunsill Lokali tal-Qala |
| Is-Sinjura Frances Galea | Kunsill Lokali ta' Sannat |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (SKONT ORDNI PERMANENTI 14A (3)):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur David Apap Agius | Kunsill Lokali l-Għarb |
| Is-Sur Aaron Agius | Kunsill Lokali x-Xagħra |
| Is-Sur Hubert Saliba | Kunsill Lokali x-Xewkija |

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Dr. Daniel Attard | Kunsill Lokali l-Għasri |
| Is-Sur Noel Formosa | Kunsill Lokali San Lawrenz |
| Dr. Marlene Cini | Kunsill Lokali Ż-Żebbuġ |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sinjura Rita Mifsud Attard | Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti**

Il-President, Dr.Samuel Azzopardi ippresjeda l-Laqgħa.

## 124.1 Talba

124.1.1 Il-Laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba tal-bidu.

## 124.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

124.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-laqgħa 123 li ġew iċċirkolati minn qabel u għaldaqstant, ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Dawn ġew approvati.

## 124.3 Komunikazzjoni tal-President u Korrispondenza

124.3.1 Il-President informa lill-membri preżenti li l-laqgħa mas-CVC u s-Segretarja saret. Is-CVC informaw lis-Segretarja li fil-progamm tagħhom ma jixtiequx li jkun hemm fea*tures* dwar bankini, lampi jew Ġieħ ir-raħal, iżda jixtiequ li jkun hemm programmi fuq affarijiet oriġinali. Ikun possibbli li jsiru features fuq kull Kunsill, iżda peress li fit-2024 hemm l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali, dan huwa daqxejn diffiċli li jseħħ peress li dawn it-tip ta' programmi jkunu projbiti minn xhur qabel l-elezzjoni. Is-Sur Scicluna qal li hu qatt ma rrifjuta lil xi Kunsill Lokali. Hu jixtieq li jkun hemm features fuq livell reġjonali, iżda lest li jaħdem mal-Kunsilli wkoll. Fil-fatt riċentement saru żewġ programmi fuq avvenimenti tar-Reġjun (dak tat-tfal li ġibna mill-Ukrajna, tal-Laqgħa Plenarja u ta' Jum Għawdex. Is-Sur Scicluna ġibed l-attenzjoni li hemm ħafna aktar li jista jsir u semma li hemm tlett lokalitajiet biss biss f'Għawdex li rebħu l-premju "European Destination of Excellence" u jista jsir programm fuq din il-materja.

124.3.2 Ir-Reġjun Għawdex irċieva email mingħand is-Sur Simon Agius, Assistent Direttur, Diviżjoni għall-Gvern Lokali dwar is-Social Impact Assessment tar-Reġjun t'Għawdex. Kif kien intqal f'laqgħa preċedenti, ir-Reġjun ta' Għawdex għandu ftehim mal-"Foundation for Social Welfare Services" sabiex jipprovdu din l-informazzjoni, liema informazzjoni dawn ikkompilawha f'rapport u dan huwa fil-fatt dak li qed jiġi mitlub lilna. Il-membri tar-Reġjun ma qablux li r-Reġjun għandu jinkariga kumpanija oħra biex jagħmel dan ir-rapport meta tali rapport diġà sar u jeżisti li jinkludi l-informazzjoni kollha rikjesta.

124.3.3 Ir-Reġjun irċieva korrispondenza mingħand il-Legal Officer fi ħdan l-uffiċċju tad-Direttur Ġenerali fid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali dwar id-DPO (Data Protection Officer). Il-Kunsilli Lokali wkoll irċievew din il-korrispondenza, liema korrispondenza qed titlob informazzjoni dwar id-DPO's. Is-Segretarja Eżekuttiva tar-Reġjun informat lill-membri li hemm korsijiet offruti mill-IPS għall-impjegati tal-Kunsilli sabiex dawn imbagħad ikunu jistgħu jiġu maħtura bħala DPO's. Is-Sindki talbu li din l-informazzjoni tintbagħat lilhom.

124.3.4 Il-President informa lill-membri preżenti dwar talba mingħand il-manager tal-Kultura sabiex issir oġġezzjoni għall-applikazzjoni PA/00570/21 – Ġgantija Heights, Triq il-Parsott, Xagħra. Din l-applikazzjoni ġiet approvata fid-9 ta' Novembru, f'area hija viċin *World Heritage sight.* Peress li l-ittra hija twila (4 faċċati) il-President irrakkomanda li l-ittra tintbagħat lill-Kunsilli. Dawn għandhom jirrispondu mill-aktar fis possibbli. Meta jkun hemm maġġoranza ta' risposti (jew li jaqblu jew li ma jaqblux) għandu jittieħed il-pass li jmiss.

124.3.5 Ir-Reġjun irċieva korrispondenza mingħand l-ex Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Karl Vella, rigward il-performance appraisal u l-bonus tiegħu għax-xhur li hu serva fir-Reġjun matul is-sena 2023. Din għandha titpoġġa fuq l-aġenda tal-laqgħa li jmiss. Is-Segretarja Eżekuttiva nfurmat lill-membri preżenti li ntbagħtet email mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali dwar dan u dawn għandhom jaslu id-Divizjoni matul Jannar 2024.

124.3.6 Il-Membri ġew infurmati li r-Reġjun irċieva kontijiet mibgħuta minn l-ESS għan-nom tal-kumpanija Nexus. Dawn ma kienux bagħtu kontijiet fl-aħħar sentejn. Il-kontijiet li bagħtu ma jgħajtux lir-Reġjun. Il-President informa lill-membri preżenti li dawn intalbu sabiex il-kontijiet jintbagħtu kif suppost u mingħand il-kumpanija Nexus u mhux ESS biex jiġu kkunsidrati.

124.3.7 Il-President informa lill-membri dwar il-bżonn li tiġi ifformata il-fondazzjoni sabiex jibda l-proċess tal-Bid book għall-Belt Kapitali Kulturali Ewropeja 2031. Għal dan il-għan il-President semma diversi persuni sabiex jkunu membri f'tali Fondazzjoni fosthom: il-Permanent Secretary tal-MHAL, il-Permanent Secretary ta' Għawdex, is-Segretarji Eżekuttivi tar-Reġjun u tar-Rabat, Għawdex u Accountant li għad irid jiġi deċiż bħala amministrazzjoni. Bħala Bord of Governors: Chairperson, il-President tar-Reġjun u Viċi Chairperson, is-Sindku tal-Belt ta' Għawdex, żewġ persuni magħżula mill-Ministeru għal Għawdex u żewġ artisti, s-Sinjura Maria Frendo u S-Sur Austin Camilleri. Ma' dawn irid jinħatar nutar u dan jrid jkun persuna bl-esperjenza fil-formazzjoni ta' fondazzjoni.

124.3.8 Ir-Reġun ta' Għawdex għamel talba lid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali għal aktar finanzi fir-rigward tad-devoluzzjoni ta' "street lighting". Ir-Reġjun qed jingħata s-somma ta' €50,000 fis-sena meta l-ispiża qed tkun kważi doppja. Ir-risposta mingħand id-Direttur (Finance and Procurment LGD) ġiet fin-negattiv.

## 124.4 Inizjattiva Milied Solidali

124.4.1 Hija x-xewqa tar-Reġjun Għawdex li għal sena oħra terġa' tingħata Ikla tal-Milied lil dawk l-Anzjani jew morda kif ukoll persuni vulnerabbli oħra li jgħixu waħedhom jew koppji anzjani li ma għandhomx min isajrilhom, u li din l-ikla titwasslilhom fil-post fejn jgħixu fil-ġurnata tal-Milied. Għaldaqstant, il-Kunsilli Lokali interessati li jipparteċipaw f'din l-inizzjattiva nobbli, huma mistiedna sabiex sal-**Ġimgħa, 1 ta' Diċembru 2023** jinfurmawna bil-parteċipazzjoni tagħhom fl-Għoti ta' din l-Ikla jew mod ieħor sabiex ir-Reġjun Għawdex ikun f'pożizzjoni li jittratta ma' entitajiet oħra sabiex magħhom jikkoordina l-Għoti ta' din l-Ikla fil-ġurnata tal-Milied. Importanti li kull Kunsill jagħtina n-numru eżatt ta' ikliet li għandu bżonn.

124.4.2 Ir-Reġjun talab għall-kwotazzjonijiet għal din l-Inizjattiva. Kull Kunsill li se jieħu sehem irid jkollu persuna inkarigata sabiex dakinhar tal-Milied tmur mal-kuntrattur ,ingaġġat tar-Reġjun sabiex tqassam l-ikel.

## 124.5 Draft Baġit 2024

124.5.1 Kien preżenti l-accountant tar-Reġjun Għawdex biex jispjega l-bagit għas-sena 2024. Ġie nnotat li r-Reġjun għadu ma rċeviex l-allokazzjoni għas-sena 2024 iżda l-baġit qed isir fuq l-estimi li ħarġu fil-media. Inġibed l-attenzjoni li l-problema tal-iskart qed

tikkawża problemi finanzjarji fir-Reġjun, peress li m'hemmx kuntratti ffirmati mal-PRO's. Fil-fatt ir-Reġjun għandu kif ingħata self ta' flus (loan) mid-Divizjoni għall-Gvern Lokali sabiex jagħmel tajjeb għall-ħlasijiet ta' kontijiet tal-ġbir tal-iskart sa l-aħħar tas-sena. Ma' dan ir-Reġjun ingħata fondi mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali matul is-sena liema fondi ttieħdu mingħand il-Kunsilli Lokali Għawdxin mill-allokazzjoni tal-waste Management matul is-sena 2023. Il-baġit 2024 ġie approvat.

**124.6 Jury Visit għal Għawdex bħala Reġjun Ewropew tal-Gastronimija 2026 (12-16 ta' Frar 2024)**

124.6.1 Il-membri preżenti ġew informati li matul ix-xahar ta' Frar 2024 (mit-12 sas-16) ser ikun hawn fostna 5 membri mill-ġurija tal-IGCAT (International Institute of Gastronomy, Culture, Arts and Tourism). Ir-Reġjun għadu kif issottometta il-"Bid Book" tiegħu għat-titlu ta' Reġjun Ewropew tal-Gastronomija 2026. Għal dan il-għan il-Kunsilli Lokali ġew mitluba sabiex jindikaw x'attivitajiet ser ikollhom matul dawn il-ġranet speċjalment jekk ikunu jinkludu ikel lokali. F'dawn il-ġranet ikun hemm l-aħħar jiem tal-Karnival 2024 u l-bidu tar-Randan.

**124.7 <u>Riċeviment tal-Milied u fl-okkażjoni tat-30 sena mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali</u>**

**124.7.1** Il-President informa lill-membri li ser isir riċeviment tal-Milied u fl-okkazjoni tat-30 sena mit-Twaqqif tal-Kunsilli Lokali nhar it-Tlieta 12 ta' Diċembru 2023 (lejlet festa pubblika) fl-Aurora Bistro & Lounge. Dan wara li nħarġet sejħa għall-kwotazzjonijiet u dan il-post kien l-aktar vantaġġjuż. Għal dan l-avveniment ser jkunu mistiedna s-Sindki, Viċi Sindki, Kunsilliera, Segretarji Eżekuttivi u staff kollha tal-Kunsilli Għawdxin, u kif ukoll l-ex Sindki, Viċi Sindki u Kunsilliera Għawdxin, mill-bidu tat-twaqqif tal-Kunsilli Lokali.

**124.8 <u>Proġett tal-ERASMUS+ – European Youth Orchestra 2024 – Ħatra ta' bord ta' l-Għażla</u>**

124.8.1 Il-Kunsill Reġjonali Għawdex kiseb is-sħubija tiegħu fil-Proġett ERASMUS+ bl-isem "European Youth Orchestra 2024". Din hija esperjenza unika għal-Mużiċisti żgħażagħ minn Għawdex biex imorru barra minn Malta sabiex jagħmlu netwerking, jiltaqgħu, jitgħallmu u jaħdmu ma' mużiċisti u artisti żgħażagħ oħra ta' talent fil-linja ta' ħidma tagħhom biex jikkollaboraw u joħolqu biċċa mużika li se tkun esposta waqt kunċert mużikali fil-Festival Noveau 2024 fir-Reġjun ta' Nouvelle-Aquitaine fi Franza. L-ikel u l-akkomodazzjoni għall-parteċipanti kollha se jkunu koperti mill-organizzaturi tal-proġett, filwaqt li l-ispejjeż tal-ivvjaġġar inklużi titjiriet, ferroviji biex jaslu fid-destinazzjoni tal-Festival, huma ffinanzjati sa massimu ta' €275 għal kull parteċipant. Il-Kunsilli Lokali parteċipanti jista' jkollhom bżonn jagħmlu tajjeb għad-differenza minima fl-ispejjez tal-ivvjaġġar jekk jintgħażel il-parteċipant li jirrappreżenta l-lokalita' tagħhom.

124.8.2 Għal dan il-għan ġie maħtur il-Maestro Mark Gauci sabiex jkun jistgħu jintagħżlu l-parteċipanti għal dan il programm. Dan ser ikun akkompanjat mill-Maniger tal-Kultura u mill-Maniger inkarigat mill-Fondi tal-EU waqt l-għażla tal-parteċipanti.

**124.9 <u>Materji oħra.</u>**

**124.9.1** Is-Sindki tal-Qala u ta' Għajnsielem talbu sabiex tintbagħat ittra lill-Ministru Owen Bonnici u s-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali, Alison Zerafa Civelli dwar l-installazzjoni u kirja tal-meter tad-dawl għas-CCTV's tal-iskema *SPI/SCI/4/2023 Skema Finanzjarja-*

*Komunitajiet Aktar Siguri u Organizzati.* Peress li ser ikun hemm numru sostanzjali ta' toroq li ser jiġu nstallati CCTV's fil-lokalitajiet li ser jieħdu sehem f'din l-iskema, l-ispejjeż għal kull lokalita' ser tkun waħda kbira. Ir-Reġjun diġà għamel talba rigward din il-materja, kemm lil Enemalta kif ikoll lil GO dwar dawn l-ispejjeż, pero baqa ma sabx għajnuna. Għalhekk is-Segretarja Eżekuttiva għandha tagħmel talba sabiex il-Gvern Ċentrali jintervjeni jew jagħmel tajjeb għal dawn l-ispejjeż.

124.9.2 Il-Viċi Sindku tan-Nadur qal li l-laqgħa plenarja organizzata mir-Reġjun Għawdex kienet tajba ħafna kif fil-kontenut tagħha, l-venue, l-ikel u work shops. Hu kompla jgħid li ħasra li ma kienx hemm aktar parteċipanti fosthom mill-lokal tiegħu. Hu r-rimarka wkoll kienx ikun xieraq kieku fetaħ din il-laqgħa s-Sindku tar-raħal ta' fejn saret il-laqgħa plenarja. Ġie ċċarata li din mhux proċedura normali f'dawn it-tip ta' laqgħat.

**124.10 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.</u>**

124.10.1 Fuq proposta tal-President, ġiet approvata l-iskeda tal-pagamenti 136 li kienet tammonta għal €283.930.13.

**124.11 <u>Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss</u>**

**124.11.1** Il-Laqgħa ntemmet fis-19.25 hrs u ġiet aġġornata għat-Tlieta, 12 ta' Diċembru 2023, fis-6:00 ta' filgħaxija. Wara jkun hemm ir-riċeviment tal-Milied u t-Tletin anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali ġewwa l-Aurora Bistro & Lounge.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| ____________________ | ____________________ |
| Dr. Samuel Azzopardi | Rita Mifsud Attard |
| President | Segretarju Eżekuttiv |